MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Numru 712/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs**

Edgar Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edgar Grima ta' karta ta' identita' numru 0468158(M) akkuzat:

Talli gewwa garaxx numru 96, fi Triq San Xmun gewwa l-Fgura, nhar is-7 ta' Gunju 2002, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkawza hsarat u gharraq oggetti ghad-dannu ta' diversi persuni,

liema dannu jaqbez l-Lm1000 u dana bi ksur ta’ l-artiklu 328(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli immanifattura xoghol tan-nar f’zona residenzjali u minghajr ma kien illicenzjat taht il-Kategorija A u dan bi ksur ta’ l-Avviz Legali 243 ta’ l-1998 dwar il-Kontrol ta’ Xogholijiet tan-Nar u Esplosivi ohra.

Akkuzat ukoll talli immanifattura xoghol tan-nar f’zona residenzjali u dana bi ksur ta’ l-artikolu 3(2) tal-Ordinanza dwar l-Esplosivi Kap 33 tal-Ligijiet ta’ Malta. (Edizz. 1984).

U aktar akkuzat talli zamm hazna ta’ splussiv minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizijia u dana bi ksur ta’ l-artikolu 9(1) ta’ l-Ordinanza dwar l-Esplosivi Kap 33 tal-Ligijiet ta’ Malta. (Edizz 1984).

U aktar talli garr jew zamm hazna ta’ materjal splussiv ibbazat fuq il-klorat tal-putassa u dana bi ksur ta’ l-artikolu 16 ta’ l-Ordinanza dwar l-Esplosivi Kap 33 tal-Ligijiet ta’ Malta. (Edizz 1984).

Akkuzat ukoll talli nhar 20 ta’ Gunju, 2002 gewwa l-GDW ta’ l-Isptar San Luqa, ta xiehda falza meta kien taht gurament quddiem l-esperti tal-Qorti u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 108(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat huma prospettati kemm taht il-Kap 9, ghal dawk li jirreferu ghal hsara involontarja u xhieda falza, u kemm taht l-Kap 33, ghal dawk li jirreferu ghal immanufatturar ta’ xoghol tan-nar f’zona industrjali (previst ukoll taht l-Avviz Legali 243(1998), ukoll ghal zamm hazna ta’ splussiv minghajr licenzja tal-

Kummissarju, u ghal garr jew l-hazna ta’ materjal splussiv ibbazat fuq il-klorat tal-putassa.

L-akkuzi joriginaw minn splussjoni li grat fil-garaxx numru 96, f’Triq San Xmun, Fgura, fis-7 ta’ Gunju ta’ sentejn ilu liema fond kien mikri lill-imputat li kawza l-isplussjoni sofra feriti tali li kellu jigi rikoverat l-isptar. Konsegwenza ta’l-isplussjoni, apparti l-hsara kkagjonata fil-garaxx in kwistjoni, soffrew hsarat kemm il-fond ta’ residenza sovraport u dak direttament facijata u kemm l-garaxxijiet laterali fuq kull naha. Dawn il-hsarat kienu f’uhud minnhom estensivi. B’xorti tajba ma kien hemm haddiehor li sofra griehi apparti l-imputat li ma jidhirx pero’ li sofra dibilitazzjoni.

Illi l-ewwel akkuza hi jipotizzata taht l-artikolu 328 tal-Kap 9 li jittratta l-hruq jew hsara involontarja prokurata b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti. Mir-ricerka tal-esperti forensici nominati fl-inkjesta jirrisulta ampjament skjett li l-isplussjoni fil-kaz de qua kienet dovuta ghal kawza accidentali. Il-Professur Alfred Vella hekk jistqarr fir-rapport tieghu “illi l-ispluzjini fil-garaxx sehhet minn hruq ta’ tahlita ta’ vapour flammabbli u arja fl-atmosfera interna tal-post, liema tahlita giet incendjata accidentalment meta gie mixghul il-mutur tac-chaser tal-elettriku”. Fl-istess vena jitkellem il-Kurunell Albert Camilleri li fir-relazzjoni tieghu jistqarr li “l-ispluzjoni fil-garage giet kawzata permezz ta’ “vapour phase explosion” u dan wisq probabbli wara li vapours ta’ nitrocellulose thinner taz-zebgha thalliet mal-arja”. Inghad dan pero’ minn dak li l-esperti forensici setghaw jikonstataw bhala fatt ma rrisultax positivament la l-presenza ta’ thinner f’ammont sufficjenti li seta’ kien l-prekursur ta’ splussjoni ta’ dik l-entita’ u lanqas li l-imputat kien f’xi hin qabel adopera xi zebgha ghall-isprejjar. Dwar dak li l-esperti forensici huma kondordi hu illi l-isplussjoni giet ikkawzata minn vapour flammabli (fuel) imhallta ma’ arja (ossigenu) “sic et simpliciter”. Ghalhekk, hi l-fehma ta’ din il-Qorti, li eskluz b’mod assolut li l-espluzzjoni giet kawzata minn xi materjal splussiv, difficilment tista treggi l-ewwel akkuza stante li l-elementi ghas-sosteniment

taghha huma jew inkonlkudenti jew adirettura nieqsa. Skond din il-Qorti mhux rijavisabbli l-prevedibilita'. Illi ndipendentement minn dan li ghadu kemm nghad il-Qorti hi wkoll tal-fehma li ai termini tac-citat Artikolu 328 kull procediment ghab-bazi ta' dan l-Artikolu seta jittiehed biss bil-kwerela tal-parti leza stante li l-hsara la kkagunat mewt u la feriti gravi fuq terzi.

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma titratta l-offizi migjuba taht u ghab-bazi tal-Kap 33 il-Qorti ser tiddisponi mill-ahhar akkuza li tipprospetta l-gurament falz taht l-Artikolu 108 tal-Kap 9. L-artikolu in disamine jghid illi "kull min … jahlef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, jehel, meta jinstab hati –

(a) il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-gurmanet ikun mehtieg mill-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta;

(b) il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur, jekk il-gurament ma jkunx hekk mehtieg jew ordnat.

Issa huwa nkontestat li x-xhieda li ghaliha qeghdha ssir riferenza hija dik li l-imputat ghazel li jaghti fl-inkjesta quddiem l-espert forensiku l-Professur Alfred Vella. Pero' din il-Qorti mhiex qed tirriskontra ebda reita' fl-imputat taht din l-akkuza. Dana qeghdha tghidu principalment ghaliex minn imkien ma jirrisulta mill-atti tal-process verbal li n-nomina kienet tikkomprendi s-smigh tax-xhieda "bil-gurament" b'daqstant li meta ttiehdet l-istqarrija ma jistax jinghad li l-Professur Vella" kien ufficjal li kellhu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament"; b'daqstant ukoll li kull haga li seta' jistqarr l-imputat ma tistax tigi kunsidrata li intqalet taht gurament. Kwindi kienet semplici stqarrija rilaxxjata minnu mhux mahlufa. Fit-tieni lok din il-Qorti ma tara ebda falz f'dak li stqarr l-imputat li sostanzjalment ikkonferma l-fatti riskontrati mill-esperti fl-inkjesta b'xi spjegazzjonijiet li ma sabux konferma mal-fatti riskontrati mill-istess esperti li fil-fehma taghha ma jikkontestax falz.

Ikkonsidrat:

Illi ghal dak li huma r-reati prospettati tah l-Kap 33 ghandu jirrisulta, li ghalkemm il-prova tal-immanufatturar ta' xoghol tan-nar fil-garaxx in kwistjoni hija tenuwa sabiex twassal ghall-konvicju tal-imputat dwar dan m'ghandux jkun hemm dubbju li l-imputat zamm hazna fil-garage in kwestjoni ta' splussiv minghajr l-licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija u wkoll li zamm hazna ta' materjal splussiv ibbazat fuq il-klorat tal-putassa u b'hekk gie possibbli ghal pieni kommunati tant taht l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 16 tal-Kap 33. Fil-kuntest tal-Avviz Legali 243/1998 jirrisulta wkoll li l-imputat kien biss kopert b'licenzja taht il-kategorija B u kwindi kien projibit li jimmanifattura u/jew jissorvelja l-manifattura tax-xoghol tan-nar u f'kull kaz tikkorrobora l-fatt illi l-materjal li l-imputat kellu fil-garaxx f'kull kaz ma kienx kopert b'licenzja mill-Kummisarju tal-Pulizija. Pero' in kwantu ghall-imanufatturar l-Qorti mhux qeghdha issib l-imputat hati izda qeghdha kuntrarjament issibu hati, kif accennat, li zamm materjal splussiv anke ibbazat fuq il-klorat tal-putassa zghira kemm kienet zghira l-kwantita'.

Ghaldaqstant qeghdha din l-Qorti ssib l-imputat hati tar-raba' u l-hames akkuzi u wara li rat l-artikolu 9(1) ,16, 28 u 29 tal-Kap 33 tikkundannah Lm200 multa. Tilliberah mill-bqija tal-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------